KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 31_16-04-08 V

# MINUTI TAL-WIEĦED U TLETIN SEDUTA

**Il-wieħed u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 16 ta' April, 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skużati:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16.10 b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru 29Ad Hoc 29/02/08, 30_26/03/08 u 30 Agg numru 1_2/04/08
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Affarijiet Oħra

## 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru 29Ad Hoc 29/02/08, 30_26/03/08 u 30 Aġġornament numru 1_2/04/08

1.1 Il-minuti tas-seduta 29 Ad Hoc 29/02/08, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Kien hemm approvazzjoni ta' dawn il-minuti bi qbil unanimu tal-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio u L. Vella.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

*Daħal il-kunsillier J. Galea fis-seduta fl-4.12pm*

1.2 Il-minuti tas-seduta 30_26/03/08 u 30 Aġġornament numru 1_2/04/08, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Kien hemm approvazzjoni ta' dawn il-minuti bi qbil unanimu tal-membri preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, J. Galea u L.Vella.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar il-fatt li l-kuntrattur tal-Galaxy għadu l-istess u li għalkemm il-kunsill kellimhom u rraportahom kemm il-darba, ma sar l-ebda progress. Il-kunsill qabel li ma jagħtix permessi neċessarji għal xogħlijiet tat-trinek għalissa, u għandhom jagħmlu l-*parking signs* bil-ħinijiet li jkunu se jaħdmu. Ġie deċiż ukoll li l-kunsill jiltaqà mas-Sur Pandolfino *senior enforcement officer* tal-MEPA, nhar l-Erbgħa 23 ta' April, 2008 fis-2pm dwar is-sitwazzjoni tal-Galaxy.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Dwar il-korrispondenza li rċevejna mir-residenti dwar *Sliema Transport Action Plan* il-kunsilliera preżenti, unanimament qablu li għandhom jintbagħtu lill-ADT u lill-Ministeru responsabbli mil-ADT flimkien ma' dawk il-punti li kienu ntqalu minn residenti oħra fil-laqgħa pubblika tas-7 ta' Frar, 2008.

Il-kunsillier M. Briguglio ippropona li għadna nibgħatu l-kummenti tal-kunsill ukoll kif ġej:

1. Triq Bisazza u Triq it-Torri jitwessgħu l-bankini u jitneħħa l-parkeġġ
2. It-traffiku tal-vetturi privati jibqa jgħaddi minn Triq it-Torri u Bisazza filwaqt li l-karrozzi tal-linja u vetturi kbar oħra għandhom jgħaddu minn Qui-si-Sana, filwaqt li għandu jkun hemm *bus stops* fi Qui-si-sana.

Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unamimu mill-membri preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, J. Galea u L. Vella

Rigward it-traffiku li jgħaddi mit-toroq ta' ġewwa, il-kunsill qabel li għandu jiltaqà ma' l-ADT.

3.2 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera dwar is-sistema tal-polza ta' assigurazzjoni. Dokumenti b'aktar dettalji kienu diġa ntbagħtu lill-kunsilliera.

3.3 Il-kunsill qabel li għandu jbiddel il-linji tat-telefon tiegħu kollha minn *GO* għall-*iSKY Telecom* minħabba li r-rati tal-*mobile* huma orħos u l-*isky* għandhom skema li jekk il-kontijiet jaqbżu ċertu ammont ikun hemm skont.

3.4 Il-kunsill ma' qabilx maż-żewġ talbiet għar-*reserved parking* bir-referenza numru 125 (Triq Milner) u 126 (Ix-Xatt ta' Tigne).

3.5 Korrispondenza mis-Sur J. O'Dea għan-nom tal-kumitat konġunt tad-Dawl, fejn informa li t-*tender* se jagħlaq dalwaqt u li jekk hemm xi kummenti għal tibdil fis-servizz għall-aħjar, dawn għandhom jintbagħtu sa' l-aħħar ta' April, 2008. Il-kunsill qabel li għandu jibgħat dawn il-kummenti:

- li għandu jkun hemm superviżjoni kontinwa u tajba
- ċertu bozoz qegħdin jinqatgħu ta' spiss
- ikun hemm drabi fejn is-servizz għal tibdil ta' bozoz idum aktar minn ħamest'ijiem
- meta tinqala xi bozza jitħallew il-*vents* imdendlin u ma jerġax jitpoġġa n-numru.

3.6 Il-kunsill approva talba mis-sur Rennie Vella għall-attivita *Breast Cancer Support Walk* li se tiġi organizzata matul il-*promenade* fit-22 ta' Ġunju, 2008.

3.7 Il-kunsill approva l-istima mill-perit tal-kunsill A. Bezzina dwar l-*ispot levels* u *topographical survey* għal Triq Rudolfu. Il-kunsill qabel ukoll li jinvolvi l-perit fejn hemm bżonn sabiex jieħu kull prekawzjoni għax-xogħlijiet.

*Il-kunsillier J. Galea ġie skużat li jitlaq mis-seduta fl-4.50pm*

3.8 Korrispondenza mil-MEPA dwar ix-xiri ta' vettura għat-trasport ċirkulari, fejn infurmaw lill-kunsill li se jitolbu għal kwotazzjonijiet għall-vetturi ikbar, wara li l-kunsill kien kiteb lill-MEPA li l-vettura li kienu nfurmawna dwarha oriġinarjament kienet iżgħar minn dik li l-kunsill għandu fil-preżent.

3.9 Is-Soċjeta Mużikali tal-Karmnu Balluta u s-Soċjeta Filarmonku Stella Maris talbu individwalment, sabiex jagħmlu kunċert b'kollaborazzjoni mal-kunsill. Il-kunsill qabel li għandu japprova l-ammont ta' € 1164.69 lil kull parroċċa/soċjeta ta' tas-Sliema bl-istess kundizzjoniet tas-sena l-oħra. Ġie deċiż ukoll li l-ħlas isir wara li l-parroċċa/soċjeta jipprovdu kull dokument fejn ikun hemm indikat li l-attività tkun saret bil-kollaborazzjoni tal-kunsill.

3.10 Dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-*contracts manager*, ġie deċiż li s-segretarju eżekuttiv jerġa jibgħat kopji ta' mudell lill-kunsilliera kollha għall-kummenti tagħhom fejn punti oħra jistgħu jiġu ssuġġeriti.

3.11 Korrispondenza mill-MEPA sabiex nipprovdu *site plan*, ritratti u *bills of quantity* ta' Triq ix-Xatt għall-applikazzjoni għall-*Urban Improvement Funds*. Ġie deċiż li qabel mal-kunsill jipproċedi, għandu jġib aktar informazzjoni jekk hux it-triq imsemmija se ssir mill-Gvern Ċentrali. F'dak il-każ il-kunsill ikollu japplika għal proġett ieħor.

3.12 Talba minn *Five Elements* sabiex issir attività fil-*car park* tax-Xatt matul il-ġranet ta' Ġunju, 2008. Il-kunsill ma qabilx li għandha ssir minħabba li diġa għandna problema ta' parkeġġ.

3.13 Talba għal *sponsor* għaċ-ċerimonja ta' *prize giving* mingħand *Sir Adrian Dingli Girls' Junior Lyceum St Clare's College*, il-kunsill qabel li għandu jagħti € 46.59 fejn il-kotba jiġu magħżula minn rappreżentant ta' l-iskola.

3.14 Is-segretarju eżekuttiv ressaq l-applikazzjoni PA 7795/06 u informa bid-diskussjoni li kienet saret mal-Perit Alfred Grech dwar il-proposta tal-*beach embellishment* mil-MTA. Ġie deċiż li l-kunsill għandu jibgħat il-kummenti tiegħu permezz ta' l-avukat I. Gatt, sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu fil-każ li jinqala xi ħaġa fejn ngħidu wkoll li l-*hoist* mhux qegħda addata għal nies bi bżonijiet speċjali.

3.15 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-kunsill li jmiss se ssir l-Erbgħa 7 ta' Mejju, 2008 minħabba li l-*accounts* tas-sena finanzjara 2007-2008 iridu jiġu ppreżentati sa' l-10 ta' Mejju, 2008.

3.16 Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa speċifika dwar ir-*residential parking scheme* mal-kunsilliera kollha nhar il-Ħamis 24 ta' April, 2008 fl-4pm fl-uffiċċju tal-kunsill.

3.17 Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni mat-talba tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki li ssir attività li jiġu eżibiti madwar sittin karrozza ix-Xatt nhar is-7 ta' Ġunju, 2008 diment li jġibu l-permessi kollha neċessarji.

3.18 Il-kunsill iddeċieda li l-ġbir ta' l-iskart separat għandu jsir darbtejn kemm it-Tlieta għar-residenti, kif ukoll it-Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt għall-kummerċjali. Dan ifisser li jinġabar darba għall-iskart domestiku u t-tieni darba jinġabar għall-iskart separat. Il-ħin għandu jibqa l-istess bejn l-10am u 12pm. Il-kunsill qabel ukoll li jagħti permess lill-Gvern sabiex jagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-kuntrattur.

3.19 Korrispondenza mill-Scouts ta' tas-Sliema fejn talbu li jagħmlu preżentazzjoni lill-kunsill dwar l-involviment tagħhom fil-kommunita'. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom.

3.20 Korrispondenza mis-Sur M. Vella fejn talab li l-kunsill għandu joġġezzjona d-demoluzzjoni fi Triq Howard ma' Milner, applikazzjoni numru PA 06269/06. Il-kunsill qabel li għandu jagħmel *endorsement* lil-MEPA tal-korrispondenza tas-Sur Vella fejn għandu jikteb ukoll li l-kunsill huwa kontra għal kull proposta li hija kontra r-regolamenti tal-MEPA.

3.21 Talba minn *U.C.I.M. Co Ltd* għall-attività biex issir bejn il-25 u s-27 ta' April, 2008 fuq il-bankina tal-*promenade* quddiem TGI's . Il-kunsill oġġezzjona li ssir din l-attività.

**4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

4.1 Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti li nressqu dawn il-proposti lill-Awtorità Dwar it-Trasport.

1. Triq Ġorġ Borg Olivier issir *one way* 'l fuq.
2. Triq Amery issir *one way* 'l isfel
3. Triq il-Kbira ssir *one way* (minn Dingli għal Amery)

4.2 Ġie deċiż li jekk *Faces Display* jibqgħu ma jirranġawx il-*bus shelter* f'Għar id-Dud (quddiem il-Lukana Preluna) jitneħħew ir-reklami li hemm fuq l-istess *bus shelter*.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Il-kunsillier L. Vella ppropona filwaqt li l-kunsillier M. Briguglio ssekonda li l-pagamenti ta' din is-seduta minn ċekk numru 9401 sa 9445 jiġu approvati. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-pagamenti mill-membri preżenti s-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. Aquilina.

**6. Affarijiet Oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fil-5.30pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**